**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-4 TA' MARZU 2021**

**Kawza Numru: 2**

**Rik. Ġur. 514/2017 RGM**

**Enas Sobhy Zaky Ibrahim Attia**
**(I.D. 36478(A))**

**vs.**

**Id-Direttur tac-Cittadinanza, Ministru**
**Ghal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Enas Sobhy Zaky Ibrahim Attia Casha** ippreżentat fis-6 ta' Ġunju, 2017 li permezz tiegħu ippremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti kienet intavolat applikazzjoni bid-dokumenti neccessarji ai finijiet tac-cittadinanza tramite naturalizzazzjoni.

2. Illi permezz ta' decizjoni datata 23 ta' Marzu 2017 l-intimat Direttur cahad tali applikazzjoni billi semplicement qal *"it is regretted that it has not been found possible to accede to your request".* (Vera Kopja tal-istess ittra annessa bhala Dok A.).

3. Illi jinghad li huwa ben risaput li d-dritt amministrattiv jezigi li jinghata ragunament ghal kull decizjoni amministrattiva.

4. Illi r-rikorrenti tissottometti li dan huwa aktar ezigenti f'kazijiet bhal dawk odjerni stante l-importanza tar-rizultat rikjest u dan kif sejjer jigi trattat waqt is-smiegh ta' din il-kawza.

5. Illi d-decizjoni attakata hija nulla stante li ma segwix dan il-principju, b'mod li r-rikorrenti lanqas nghatat raguni ghal dan ir-rifjut u ghalhekk lanqas tista tirregola ruha.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Tiddikjara li d-decizjoni mehuda tramite l-ittra datata 23 ta' Marzu 2017 mill-intimat Direttur saret bi ksur tal-artikolu 469A (1) (b) (ii) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex ma inghatat l-ebda raguni ghal tali decizjoni.

2. Konsegwentement tiddikjara d-decizjoni nulla u dan skond dawk il-provvediment xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-protest Nru: [122/2017] u l-intimati minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-**risposta ġuramentata tad-Direttur taċ-Ċittadinanza u tal-Ministru għal Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali** ppreżentata fl-4 ta' Lulju, 2017 fejn jingħad kif ġej:

1. Preliminarjament l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijet ta' Malta) mhux applikabbli stante li l-ghoti tac-cittadinanza Maltija hija prerogattiva tal-Istat u ma taqax fit-tifsira ta' "eghmil amministrattiv" li nsibu fis-subinciz 2 ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

2. Preliminarjament ukoll, l-esponenti mhumiex il-legittimi kontradditturi ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili stante li l-ghoti ta' cittadinanza hija funzjoni li tispetta lill-Ministru responsabbli mic-cittadinanza.

3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma sar xejn mill-eccepjenti li jista' legalment jattira l-htiega ta' revizjoni da parti tal-Qorti.

L-ebda persuna originarja minn pajjiz barrani ma ghandha d-dritt li takkwista cittadinanza Maltija. L-ghoti tac-cittadinanza jaqa' fl-isfera tal-prerogattiva tal-Istat u d-decizjoni hija necessarjament diskrezzjonali u sigrieta minhabba li tista' timpingi fuq materja ta' sigurta' nazzjonali u *public policy*. L-Istat mhuwiex legalment marbut jaghti ragunijiet jekk talba ghall-ghoti ta' cittadinanza ma tintlaqax u din id-decizjoni mhijiex appellabbli jew sindakabbli.

4. F'kull kaz u minghajr pregudizzju, l-eccepjenti jirrespingu bil-qawwa kull allegazzjoni li kien hemm xi nuqqas fit-twettiq tal-poteri fdati lilhom senjatament li naqsu milli josservaw il-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil, huma dejjem agixxew fil-parametri u b'konformita' shiha mal-ligi.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

6. Bl-ispejjez.

Rat l-atti tal-kawza;

Rat il-provi kollha li tressqu waqt il-prosegwiment tal-kawza;

Rat is-sentenza in parte tad-29 ta' Novembru 2018 moghtija minn din il-Qorti diversament preseudta fejn fiha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;[1]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici ipprezentata fit-12 t'Awwissu 2020[2] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti ipprezentata fit-2 ta' Settembru 2020;[3]

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Novembru 2020 fejn il-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Fil-11 t'Awwissu 2010, Enas Sobhy Zaky Attia issottomettiet Form E, applikazzjoni ghan-naturalizzazzjoni mad-Dipartiment tac-Cittadinanza u *Expatriate Affairs*. Permezz ta' ittra datata 23 ta' Marzu 2017, Identity Malta informat lill-attrici bis-segwenti: "*I am to inform you that your request for naturalization as a citizen of Malta has been given careful consideration but it is regretted that it has not been found possible to accede to your request.*"[4]

Fit-18 t'April 2017 l-attrici ipprezentat protest fejn permezz tieghu qieghda izomm lil protestati konvenuti *in dolo, culpa et mora* u dan peress li d-decizjoni moghtija fit-23 ta' Marzu 2017 hija nieqsa minn motivazzjoni.[5] Peress li l-protestati baqghu ma wettqux dak li l-attrici talbet fil-protest taghha, hija intavolat l-azzjoni odjerna fejn qieghda tillamenta li l-ittra msemmija ma taghti l-ebda raguni ghaliex it-talba taghha ma ntlaqghetx u ghalhekk dik id-

[1] Pagna 32 et seq tal-process.
[2] Pagna 343 tal-process.
[3] Pagna 349 tal-process.
[4] Pagna 6 tal-process.
[5] Kopja tal-protest tinstab f'pagna 4 tal-process.

decizjoni tikser il-principji ta’ haqq naturali, li, fosthom, wiehed isib dak li ghal kull decizjoni trid tinghata raguni li jwasslu ghaliha. Ghalhekk qieghda titlob lill-Qorti thassar l-imsemmija decizjoni u taghti l-provvedimenti mehtiega.

Ikkunsidrat;

Xehdet l-Avukat illum Magistrat **Dr Astrid May Grima** waqt is-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2017. Hija spejgat li l-attrici applikat permezz tal-Form E u din skont l-Artikolu 10 (1) tal-Kapitolu 188 (Att dwar ic-Cittadinanza Maltija). Din il-formola hija applikazzjoni fejn persuna tapplika ghac-Cittadinanza Maltija wara li tkun ilha hames snin tirrisjedi Malta. Tghid li l-applikazzjoni hija datata 8 ta’ Lulju 2010 però giet ipprezentata fil-11 t’Awwissu 2010. Ix-xhud spjegat li fil-kaz ta’ applikazzjoni taht l-Artikolu 10 (1) tal-Kapitolu 188 d-decizjoni jekk persuna tinghatax cittadinanza tittiehed mill-Ministru responsabbli mic-cittadinanza u mhux mid-Direttur. Spjegat li f’dan il-kaz il-Ministru irrifjuta l-applikazzjoni. L-attrici giet informata b’din id-decizjoni wara li l-Ministur ghadda d-decizjoni tieghu lid-Direttur u d-Direttur tac-cittadinanza baghat ittra lill-attrici bid-decizjoni.

Permezz t’affidavit xehdet l-**attrici** fejn hija spjegat li hija dahlet Malta fis-sena 2003 regolarment fuq btala. Hija giet aktar minn darba Malta fuq btala u f’wahda mill-btajjel taghha hija ltaqat ma’ certu Joseph Cachia u bdiet relazzjoni mieghu. Tghid li hija marret lura lejn l-Egittu u peress li r-relazzjoni taghhom kompliet, hija giet Malta u wara xi tlett xhur zzewgu. Tghid li r-relazzjoni u z-zwieg xejn ma kien felici ghaliex kien abbuziv fil-konfront taghha tant li hija kienet spiccat marret tghix ghal xi zmien f’Dar Merhba Bik. Kompliet tghid li l-applikazzjoni ghac-cittadinanza Maltija ghamlitha fis-sena 2010, però kien biss ricentament li hija rcievet decizjoni li l-applikazzjoni ma gietx accetata, liema decizjoni ma kinitx motivata. Tghid li hija kellmet lil Ministru Tonio Borg li kien il-Ministru responsabbli ghac-cittadinanza dak iz-zmien tal-applikazzjoni però kien informaha li peress li ma kinitx ilha Malta ghal ghaxar snin huwa kien ser izomm il-file taghha pendenti sal-2013. Tghid li fit-22 t’April 2013 hija regghet marret il-Ministeru izda kienu qalulha li

ghandha tistenna ftit peress li kien hemm bdil fl-amministrazzjoni. Kompliet tispjega li fis-sena 2014 infethet kawza ta' paternita minn Tawrous Samir Lofti Fahim u bhal donnu minhabba dawn il-proceduri, il-Ministeru kien ser izomm l-applikazzjoni taghha pendenti, però din il-kawza fiz-zmien li pprezentat l-affidavit kienet ghada ghaddejja. Spjegat li hija bdiet proceduri quddiem l-Ombudsman sabiex tara x'kienet ir-raguni ghad-dewmien sabiex tittiehed decizjoni fuq l-applikazzjoni taghha. B'decizjoni tat-2 ta' Dicembru 2016 l-Ombudsman wasal ghall-konkluzjoni li d-Dipartiment tac-Cittadinanza u tal-Espatrijati m'ghandux ikompli jkaxkar saqajh milli jiehu decizjoni finali fir-rigward tal-applikazzjoni tas-Sinjura Enas Sobhy Zaky Attia Casha. Kien imbaghad f'Marzu tal-2017 li hija rċeviet ittra tgharrafha li l-applikazzjoni giet rifjutata.

L-attrici xehdet in kontro-ezami fit-8 ta' Mejju 2019 fejn ikkonfermat li fid-19 t'Ottubru 2004 twieldet Joanne u fit-2 ta' Gunju 2006 twieldet Maria. Tikkonferma wkoll li fl-2004 Samir Tawdrous fetah kawza quddiem il-Qorti tal-Familja rigwardanti paternita' tal-istess tfal. Tikkonferma li hija qatt ma zzewget lis-Sur Tawdrous. Ix-xhud spjegat li hija kienet ghexet ftit xhur mar-ragel li hija zzewget cioe ma' Joseph Casha ghaliex kien issawatha kif ukoll isabbat. Tghid li huwa kellu vizzju tax-xorb u drogi.

Waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2020 il-konvenuti resqu lil **Dr Jessica Rita Galea**, *Head of Unit* tac-Cittadinanza f'Identity Malta, kariga li kienet ilha tokkupa minn Lulju tal-2019, però minn Jannar 2018 hija kienet ukoll *legal officer* fl-istess dipartiment. Dr. Galea spjegat li persuna barranija tista' takkwista c-cittadinanza Maltija b'zewg modi – (a) permezz ta' registrazzjoni u cioe b'dixxendenza Maltija, jew (b) permezz ta' naturalizzazzjoni u cioe bazata fuq tul ta' residenza gewwa Malta. Fil-kaz odjern, ix-xhud tispjega li l-attrici applikat a bazi ta' naturalizzazzjoni taht l-Artikolu 10 tal-Kapitolu 188. F'dan il-kaz li jigri huwa li wara li ssir applikazzjoni ikun hemm process amministrattiv. Id-dipartiment tac-cittadinanza mhux ser joqghod biss fuq id-dokumenti li jipprovdi l-applikant; huma jibghatu ghall-informazzjoni m'ghand l-*Police Immigration Office*. Ix-xhud tghid li mill-informazzjoni li

huma kisbu, irrizultalhom diversi sitwazzjonijiet jew incidenti. Tkompli tghid hekk:

> "[...] hemm bicciet li nqalghu qabel ma ttiehdet id-decizjoni jigifieri qabel l-2017 partikolarment fl-2015. Fil-fatt hawnhekk ghandi kopja ta' affidavit maghmul minn ufficjal li jahdem fil-unit tac-cittadinanza fejn kien bazikament qed jithallsu xi flus biex tigi pprocessata, applikazzjoni ta' cittadinanza. Ghandi wkoll kopja ta' ittra li kienet intbaghtet lill-Kummissarju ta' dak iz-zmien li kienet il-head of unit f'dak il-perijodu partikolari tal-2015 ukoll. Ghandi wkoll kopja ta' affidavit maghmul mis-Sur Samir Tawdrus rigward li qed jichad il-paternita` tat-tfal. Imbaghad ghandi wkoll xi kopji tas-sentenzi li kienu fil-konfront tas-Sinjura Enas u l-aktar haga ricenti hija artikolu mill-gazzetta inkluz is-sentenza tal-Qorti fejn il-persuna nfethitilha proceduri [kriminali] fil-Qorti minhabba theddid [...] glied, argumenti"[6]

Ix-xhud tispjega li wara decizjoni tar-rifjut, dak li jkun jista' jissottometti applikazzjoni gdida. Ix-xhud ma tafx taghti r-raguni ghalfejn ittiehdet dik id-decizjoni u dan ghaliex huwa l-Ministru koncernat li jiehu tali decizjoni.

In kontro-ezami giet mistoqsija jekk kienx hemm decizjoni ohra qabel l-2017, Dr. Galea tghid li hija taf bid-decizjoni li ttiehdet fl-2017. Hija tghid li taf bid-decizjoni tal-Ombudsman però huma xorta jirreferu ghaz-zmien li giet sottomessa l-applikazzjoni sakemm tinhareg id-decizjoni. Dr. Galea spjegat li l-paternita tat-tfal tal-attrici hija ta' importanza ghaliex jikkoncernaw proprju lill-attrici u peress li hemm proceduri ghaddejjien f'dan ir-rigward id-dipartiment hass li ghandu jzomm l-affidavit ta' Tawdrous. Ghal mistoqsija li dan Tawdrous kien imur id-Dipartiment sabiex jaghmel kull sforz halli l-attrici ma tiksibx ic-cittadinanza, ix-xhud tispjega li jekk persuna tigi titkellem fuq persuna ohra, dak li jinghad minn din il-persuna mhux ha jkollu *bearing* jekk persuna tiehux o meno c-cittadinanza. Tghid li huma jzommu *record* u dak li pprezentat bhala dokumenti huma d-dokumenti li hemm fil-file sad-data li hija

[6] Pagni 61A u 62 tal-process.

tat ix-xhieda taghha. Terga' tghid li huma ma jistrihux biss fuq is-sentenzi u kopji tal-gazzetta però jiksbu l-informazzjoni mill-Pulizija.

Mad-dokumenti li pprezentat Dr. Galea hemm affidavit ta' Anthony Mizzi, ex-head tac-cittadinanza, fejn qal li huwa ma jafhiex lil Attia Casha. Jghid ukoll li ma kellmu l-ebda avukat fuq din il-persuna.

Waqt il-kontro-ezami mizmuma fit-8 ta' Lulju 2020 ghal mistoqsija jekk it-tfal Mary u Joanna humiex cittadini Maltin, ix-xhud qalet li "Huma cittadini Maltin proprju ghax twieldu fi zwieg minn missier li huwa Malti. Jigifieri diment li c-certifikat tat-twelid taghhom jibqa' jirrifletti kif inhu fil-prezent iva jibqghu cittadini Maltin imma jekk le, jinbidel ic-certifikat mhux ha nidhlu ovvjament f'ezitu ta' Qorti iehor u l-missier ma jibqax persuna li huwa Malti, it-tfal ma jibqghux cittadini Maltin."[7] Fuq mistoqsija tal-Qorti, x-xhud spjegat li jekk jitnehha missier b'cittadinanza Maltija u jidhol missier iehor b'cittadinanza Maltija, it-tfal xorta jibqghu bic-cittadinanza Maltija.

Xehed **Ignatius Ciantar**, *unit coordinator* fir-Registru Pubbliku li kien ilu f'dan ix-xoghol minn Jannar 2019. Huwa esebixxa c-certifikat taz-zwieg tal-attrici li ma jindika l-ebda referenza ghal separazzjoni jew bdil fil-kunjom kif ukoll ic-certifikat tat-twelid taz-zewg ulied li juru lir-ragel tal-attrici bhal missier it-tfal.

Fit-22 ta' Jannar 2020 xehed Samir Lotfi Fahim Tawdrous fejn qal li huwa ilu jaf lill-attrici mill-2003. Jghid li huwha kien cempillu biex immur jara l-post peress li kellu jtella' sular iehor. Jghid li huwa mar jara l-post u x'hin kien hemm huh qallu li giet ohtu mill-Egittu. Wara li ra x-xoghol huwa iltaqa' ma' ohtu wara li din kienet rikbet fil-karrozza tieghu u qaltlu biex isuq ghax keccitha l-mara ta' huwha. Jghid li huwa zammha ghandu ghal sitt xhur. Spjega li huwha ried "izewwigha biex joqgħodu hawn Malta bilfors hawn jiġifieri biex iġibu l-karti hawn Malta għax kienet maħruba bit-tfal tagħha, mir-

[7] Pagna 339 tal-process.

raġel tagħha ġewwa l-Eġittu għax hi miżżewġa l-Eġittu, bil-knisja sal-lum"[8]. Spjega li huma imbaghad kellhom relazzjoni ghal sitt snin u minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt itfal. Spjega wkoll li fis-sena 2014 huwa ressaq proceduri sabiex jirrikonoxxi t-tfal li ghandu mal-attrici bhala tieghu. Sar ukoll test tad-DNA u minnu rrizulta li t-tfal Mary u Joanne huma tieghu.[9] Però huwa jghid li l-attrici ma tridx taccettah dan ir-rizultat "biex ma titlifx ic-cittadinanza Maltija."[10]

In kontro-ezami huwa qal li huwa kiseb ic-cittadinanza fl-1995 ghax huwa mizzewweg Maltija u ghandu zewgt itfal. Meta gie mistoqsi kif sar jaf li Enas Sobhy Zaky Ibrahim Attia applikat ghac-cittadinanza, ix-xhud qal li huwa sar jaf mid-Dipartiment. Huwa spjega li fl-2014 huwa mar id-Dipartiment sabiex isaqsi jekk it-tfal tieghu Mary u Joanne jistghux jiehdu c-cittadinanza Maltija. Qal li d-dipartiment kienu gharrfuh li t-tfal ghad m'ghandhomx cittadinanza Maltija.

Ikkunsidrat;

Fl-20 ta' Frar 2020 l-attriċi intavolat rikors fejn fost oħrajn talbet il-korrezzjoni tar-rikors ġuramentat sabiex kull fejn jirrikorru l-kunjomijiet Ibrahim Attia jiġu sostitwiti bil-kunjom Attia Casha. B'digriet tal-11 ta' Mejju 2020 din it-talba ġiet miċħuda għaliex mill-atti jirriżulta illi meta l-attriċi iżżewġet hija għażlet li żżomm kunjomha ta' xebba.

B'rikors tal-1 ta' Lulju 2020 l-attriċi talbet ir-revoka contrario imperio tad-digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Mejju 2020. L-attriċi tisħaq li hija rikonoxxuta bil-kunjom Attia Casha mal-awtoritajiet Maltin u tgħaddi sabiex tirreferi għal Permess ta' Residenza. Tgħid hekk fir-rikors:

> "ghalkemm maz-zwieg ghazlet li żżomm kunjomha xebba Attia, sussegwentament uzufruwiet mid-dritt moghti lilha bl-Artikolu 4 subinciz (2) tal-Kodici Civili ta' Malta, u rreġistrat l-ghazla taghha li żżid kunjom żewġha, 'Casha', wara kunjomha. L-ufficjal fl-Agenzija Identity Malta

---

[8] Pagna 120A tal-process.

[9] It-test tad-DNA sar minn Dr. Marisa Cassar. F'pagna 318 tal-process wiehed issib affidavit ta' Dr. Marisa Cassar mahluf fit-18 t'April 2016 fejn tghid li hija hadet kampjuni orali ta' Mary Casha u Joanna Casha u ta' Samir Lofti Fahim Tawdrous u tikkonferma li Tawdrous huwa l-missier naturali ta' Mary u Joanna ahwa Casha.

[10] Pagna 124 tal-process.

responsabbli mill-ismijiet, is-sur Reuben Debono jikkonferma li persuna fic-cirkostanzi tal-esponenti dejjem tista' taghzel li żżid kunjom żewġha wara l-kunjom ta' xebba, kif wara kollox kienet ghamlet l-esponenti biex il-karta tal-identita taghha tohrogilha b'dak il-mod."[11]

Ikkunsidrat;

Huwa minnu li l-**Artikolu 4(2) tal-Kodiċi Ċivili** qabel l-emendi bl-Att XVIII tal-2004 kien jipprovdi li "il-mara tista', minflok, tagħżel li żżomm kunjom xbubitha li warajh **tista'** żżid kunjom żewġha." Iżda din il-Qorti fil-proċess ma sabet l-ebda prova li l-attriċi rreġistrat l-għażla tagħha li żżid kunjom żewġha 'Casha' wara kunjomha. Fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ, li huwa l-att uffiċċjali, Enes Attia ddikjarat li ser iżżomm kunjom xbubita wara ż-żwieġ[12] u ma hemm l-ebda annotazzjoni fuq l-istess ċertifikat li hija qiegħda żżid kunjom żewġha wara l-kunjom tagħha. L-attriċi tirreferi wkoll għal ċertu Reuben Debono però din il-Qorti tqis li dan qatt ma tressaq bħala xhud tal-attriċi u għalhekk ma jistax jingħad li nġabet l-aħjar prova sabiex ikun ikkonfermat li l-attriċi sussegwentement għażlet li żżid kunjom żewġha. Fid-dawl ta' dan il-Qorti sejra għalhekk tiċħad it-talba tal-attriċi tal-1 ta' Lulju 2020 sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-11 ta' Mejju 2020.

Ikkunsidrat;

***L-eċċezzjoni tal-leġittimu kontradittur***

Il-konvenuti eċċeppixxew li m'humiex il-leġittimi kontradittturi ai termini tal-**Artikolu 181B tal-Kapitolu 12** u dan peress li l-għoti ta' ċittadinanza hija funzjoni li tispetta lil Ministru responsabbli miċ-ċittadinanza.

**Direttur taċ-Ċittadinanza.**

Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħmel l-ebda referenza għad-Direttur taċ-Ċittadinanza. Min-naħa l-oħra l-imsemmi kapitolu jagħmel referenza għal 'Ministru'. Ministru huwa definit bħala "il-Ministru għal dak iż-żmien responsabbli għall-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu maċ-ċittadinanza Maltija, u, safejn tingħata awtorità, tinkludi kull persuna awtorizzata minn dak il-Ministru biex taġixxi f'ismu". Waqt il-prosegwiment tal-proċeduri ma ġiet ippreżentata l-ebda awtorizzazzjoni mogħtija mill-Ministru lid-Direttur taċ-Ċittadinanza u għalhekk din il-Qorti tifhem li l-imsemmi Direttur ma ingħata l-ebda setgħa jiddeċiedi applikazzjonijiet ta' ċittadinanza u għalhekk din baqgħet fil-mansjoni tal-Ministru.

[11] Paġna 335 tal-proċess.
[12] Paġna 101 tal-proċess.

L-**Artikolu 10 tal-Kapitolu 188** jipprovdi li meta ssir applikazzjoni għal għoti ta' ċittadinanza Maltija "lill-Ministru bil-mod preskritt, jista' jingħata ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta jekk jissodisfa lill-Ministru" numru ta' kriterji. Għalhekk huwa l-Ministru li huwa mogħti l-poter li jiddeċiedi applikazzjoni ta' din ix-xorta.In oltre l-**Artikolu 19** tal-istess Att jipprovdi testwalment li

> "Il-**Ministru** ma jkunx meħtieġ li jagħti xi raġuni għall-għoti jew għaċ-ċaħda ta' xi applikazzjoni skont dan l-Att u **d-deċiżjoni tal-Ministru** fuq xi applikazzjoni bħal dik ma tkunx suġġetta għal appell jew reviżjoni f'xi qorti."[13]

Huwa għalhekk ċar mill-provvedimenti tal-liġi li d-deċiżjoni tittieħed mill-Ministru[14] u għalhekk qed tiddeċiedi u tiddikjara illi d-Direttur taċ-Ċittadinanza ma hux il-legittimu kontradittur u konsegwentement qed tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali**

Id-deċiżjoni ta' rifjut ingħatat fit-23 ta' Marzu 2017 filwaqt li l-proċeduri odjerni ġew intavolati fis-6 ta' Ġunju 2017. Fid-29 t'April 2016 bis-saħħa tal-Artikolu 82 tal-Kostituzzjoni l-President ta' Malta, fuq parir tal-Prim Ministru, assenja r-responsabbiltà ta' kwistjonijiet relatati maċ-ċittadinanza lill-Ministru għal Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali.[15] Fl-10 ta' Ġunju 2017, il-Prim Ministru bis-saħħa tal-Kapitolu 324 ddelega t-taqsima taċ-ċittadinanza lis-Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.[16]

L-attriċi intavolat l-azzjoni tagħha kontra l-Ministru għal Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, ċioe il-Ministru li kien responsabbli miċ-ċittadinanza qabel ġie xolt il-Parlament fl-1 ta' Mejju 2017 wara li l-Prim Ministru ta' dak iż-żmien sejjaħ elezzjoni ġenerali. Il-Gvern il-ġdid ġie elett fl-4 ta' Ġunju 2017 u d-dekasteri ġew assenjati bejn l-10 u t-13 ta' Ġunju 2017 u ċioe' wara li ġiet intavolata l-kawża odjerna. Għalhekk l-attriċi ntavolat l-azzjoni tagħha meta r-responsabiltajiet ministerjali ġodda kienu għadhom ma ġewx assenjati u għalhekk kienet korretta l-attriċi li intavolat il-kawża kontra kontra l-Ministru li iddeċieda l-applikazzjoni tagħha.

---

[13] Enfasi tal-Qorti.
[14] Ara **L-Avukat Dr Cedric Mifsud noe vs. L-Agenzija Identity Malta et** (Rik Ġur 144/2016 MCH) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-25 ta' Ġunju 2016 (pendenti appell).
[15] Gazzetta tal-Gvern ippubblikata fl-10 ta' Mejju 2016, Avviż Nru 457.
[16] Gazzetta tal-Gvern ippubblikat fis-16 ta' Ġunju 2017, Avviż Nru 621.

Għalhekk l-eċċezzjoni li l-Ministru konvenut ma hux il-leġittimu kontradditur qed tiġi respinta.

Ikkunsidrat;

***Mertu***

L-azzjoni intavolata mill-attriċi ġiet imsejsa fuq l-**Artikolu 469A tal-Kapitolu 12** ċioe azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attriċi tilmenta illi hija applikat sabiex tikseb ċittadinanza Maltija b'naturalizazzjoni iżda t-talba tagħha ġiet miċħuda mingħajr ma ingħatat raġuni għal tali ċaħda. Għalhekk tgħid li d-deċiżjoni saret bi ksur tal-**Artikolu 469A(1)(b)(ii)** li jaqra hekk:

> "(1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:
>
> [...]
>
> (b) meta l-egħmil amministrattiv ikun *ultra vires* għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:
>
> [...]
>
> (ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil
>
> [...]"

L-attriċi qiegħda titlob li d-deċiżjoni minnha impunjata tiġi dikjarata nulla.

Il-konvenuti min-naħa tagħhom jinsistu li l-għoti taċ-ċittadinanza hija prettament fil-prerogattiva tal-istat u għalhekk id-deċiżjoni hija neċessarjament diskrezzjonali u sigrieta minħabba li tista' timpinġi fuq materja ta' sigurtà nazzjonali u *public policy*. Minħabba f'hekk ukoll l-Istat m'huwiex legalment marbut jagħti raġunijiet jekk talba għall-għoti ta' ċittadinanza ma tintlaqax u din id-deċiżjoni m'hijiex appellabbli jew sindakabbli.

**Blackstone** jiddefinixxi 'prerogattiva' bħala *'The exceptional powers, preeminences and privileges which the law gives the government. That special*

*preeminence which the government has over and above all other persons in right of regal dignity.'*

Il-prerogattiva tal-għoti ta' ċittadinanza Maltija hija esklussivament f'idejn il-Ministru responsabbli miċ-ċittadinanza. Din il-prerogattiva hija wkoll rekonoxxuta mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja. Il-Kummissjoni Ewropeja fil-kitba tagħha ***Pathways to citizenship for third country nationals in the EU Member States***[17] ppubblikata fil-5 t'Awwissu 2019 għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja:

> "Awarding citizenship is a prerogative of the Member States, which they must exercise having due regard to EU law. [See Judgment of 7 July 1992, Micheletti and Others v Delegación del Gobierno en Cantabria, C-369/90, EU:C:1992:295, paragraph 10; Judgment of 11 November 1999, Belgian State v Mesbah, C-179/98, EU:C:1999:549, paragraph 29; Judgment of 20 February 2001, Kaur, C-192/99, EU:C:2001:106, paragraph 19; Judgment of 19 October 2004, Zhu and Chen, C-200/02, EU:C:2004:639, paragraph 37; Judgment of 2 March 2010, Rottmann, C-135/08, EU:C:2010:104, paragraph 39] Indeed, Member States solely are responsible for laying down the conditions for the acquisition of citizenship. [See Case Tjebbes and others C-221/17, Judgment of the Court of 12 March 2019, and Case Rottmann C-135/08, Judgment of the Court of 2 March 2010] However, citizens of a Member State also enjoy the rights of EU citizenship, including that of mobility and free movement across all Member States. As such, the determination of citizenship by one Member State implies a responsibility to all others. In this sense, citizenship has an important EU dimension. As pointed out by the Court of Justice of the EU, while laying down the conditions of acquisition and loss of citizenship falls within the remit of national competence, in doing so Member States must have due regard to EU law."

Kull Stat Membru huwa responsabbli u jeħtieġ li jagħti konsiderazzjoni xierqa għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropeja meta jiġi biex jagħti ċ-ċittadinanza u dan għaliex l-għoti ta' ċittadinanza tfisser ukoll l-għoti tad-drittijiet ta' ċittadinanza tal-Unjoni Ewropeja inkluż id-dritt ta' moviment ħieles. Il-konvenut huwa korrett meta jgħid li l-għoti ta' ċittadinanza hija prerogattiva tal-Istat, iżda l-kontestazzjoni tal-attriċi hija dwar il-fatt li l-Ministru ma tax raġuni għalfejn l-applikazzjoni tal-attriċi għaċ-ċittadinanza ġiet miċħuda.

[17] https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/malta_pathways_to_citizenship_2019_final_en.pdf l-aħħar aċċess sar fit-23 ta' Frar 2021.

Il-Ministru konvenut jissottometti illi skond il-liġi m'għadu għalfejn jagħti l-ebda raġuni għad-deċiżjoni tiegħu ta' rifjut u dan bis-saħħa tal-**Artikolu 19 tal-Kapitolu 188** li jipprovdi li "l-Ministru ma jkunx meħtieġ li jagħti xi raġuni għall-għoti jew għaċ-ċaħda ta' xi applikazzjoni skont dan l-Att [...]". Dan l-artikolu huwa replika tal-**Artikolu 44 (2) tal-*British Nationality Act 1981***, li jsib l-oriġini tiegħu fl-**Artikolu 26 tal-*British Nationality Act 1948*,** li jipprovdi hekk "*The Secretary of State, [...] shall not be required to assign any reason for the grant or refusal of any application under this Act the decision on which is at his discretion [...].*" liema artikolu fil-liġi Brittannika ġie mħassar fis-sena 2002.

Bil-kliem 'ma jkunx meħtieġ' fl-Artikolu 19 il-leġislatur ta lill-Ministru responsabbli d-diskrezzjoni jekk jagħtix raġuni jew le u għalhekk jista' jagħti l-każ fejn Ministru jista' jagħti raġuni iżda jkun hemm sitwazzjonijiet oħrajn fejn jidhirlu li ma jagħtix. Id-diskrezzjoni li ma tingħatax raġuni għandha titħaddem b'kawtela. Ir-regola ġenerali llum il-ġurnata hija li l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, inkluż għalhekk l-għoti ta' raġuni, għandhom japplikaw għal kull deċiżjoni. Din il-Qorti iżda tagħraf li bħal fil-każ ta' ċittadinanza hemm ċirkostanzi fejn l-għoti ta' raġuni tikkawża aktar dannu milli ġid. Għalkemm f'din il-kawża ma ġewx indikati xenarji fejn ma jkunx għaqli li tingħata raġuni, fil-kawża b'mertu simili għal dik odjerna fl-ismijiet **Av. Dr. Alexander Schemrbi nomine vs. L-Agenzija Identity Malta et** (Rik Ġur 834/2016 GM) mogħtija fl-20 t'Ottubru 2020 il-kap eżekuttiv tal-Aġenzija indika għalfejn ma tistax tingħata raġuni għal rifjut:

> "Fl-ewwel lok, is-sors tal-informazzjoni jrid jibqa' sigriet għax inkella l-Istat Malti ma jingħatax iktar informazzjoni ta' dan it-tip. Anke jekk tiġi identifikata raġuni, imqar ġenerika, bħal per eżempju attivita` kriminali, anke mingħajr ma jingħata s-sors tal-informazzjoni, l-applikant jista' jitpoġġa f'qagħda li jissupponi liema kien is-sors tal-informazzjoni. Jista' jkun ukoll li jkun qiegħed jiġi nvestigat mingħajr ma jaf, u, bl-għoti ta' din it-tip ta' raġuni, isir jaf b'detriment għall-investigazzjoni li tkun qiegħda ssir kontra tiegħu. Jekk ikun hemm każ ta' ħasil ta' flus, u l-applikant jingħata din ir-raġuni għar-rifjut tal-passaport, l-awtoritajiet Maltin ikunu qegħdin jagħmlu *tipping off* u jkunu qegħdin jiksru l-Att dwar il-*Money Laudering*. L-għoti ta' raġuni, anke ġenerika, tista' anke tpoġġi terzi persuni – u anke lill-istess applikant – f'periklu għal ħajjithom u tista' wkoll tipperikola s-sigurta` ta' Stati terzi."

Din il-Qorti tqis li f'ċirkostanzi delikati bħal m'hija r-rifjut tal-għoti ta' ċittadinanza Maltija hemm raġuni validissima għaliex il-liġi tagħti lill-Ministru responsabbli id-diskrezzjoni jagħtix jew le ir-raġuni li wasluh jirrifjuta applikazzjoni għaċ-ċittadinanza Maltija.

In-nuqqas tal-għoti ta’ raġuni dwar rifjut tal-applikazzjoni ma jinkwadrax ruħu bħala nuqqas t’osservazzjoni ta’ ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet li wasslu għalih kif ikkontemplat fl-Artikolu 469A(1)(b)(ii) billi hija l-liġi stess li espressament teżenta l-Ministru mill-ħtieġa li jagħti raġuni.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi l-kawża kif ukoll ir-rikors tal-attriċi tal-1 ta’ Lulju 2020 billi:

1. Tiċħad ir-rikors tal-attriċi tal-1 ta’ Lulju 2020;

2. Tilqa’ t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Direttur stante li ma hux il-leġittimu kontradittur u b’hekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Ministru konvenut u tiddikjara li l-Ministru konvenut huwa l-leġittimu kontradittur;

4. Tilqa’ it-tielet u r-raba’ eċċezzjoni tal-Ministru konvenut;

5. Tiċħad it-talbiet attriċi.

Bl-ispejjeż in kwantu għal tlett kwarti (3/4) a karigu tal-attriċi u in kwantu għal kwart (1/4) a karigu tal-Ministru konvenut.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**
4 ta’ Marzu 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**